MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 356/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa`)**
**Vs**
**Carlos Frias Mateo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Carlos Frias Mateo [detentur ta' passapaort Olandiz bin-numru NJ0526335] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Settembru 2009 jew fil-gurnata ta' qabel ghamel att ta' *money laundering*:

i. ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kirminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta'l-origini tal-

proprjeta’ jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attivita kriminali u/jew
ii. heba jew wera haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta’, meta kien jaf li dik il-proprjeta’ kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali u/jew
iii. akkwista proprjeta meta kien jaf li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita kriminali, u/jew
iv. irritjena minghajr skuza ragjonevoli proprjeta’ meta kien jaf li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali, u/jew
v. ittenta jaghmel hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

kif ukoll talli fis-26 ta’ Settembru 2009 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, fil-Gudja, waqt li kien ha jitlaq minn Malta lejn Brussels fuq titjira KM420, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Awwissu 2011, li biha, wara li rat ir-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07, filwaqt li lliberat lill-appellat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u cioe` l-akkuza dwar il-money laundering, sabitu hati tat-tieni akkuza, kkundannatu ihallas multa ta’ erbat elef, hames mija u tletin Ewro (€4530).
Inoltre l-Qorti ordnat il-konfiska tas-somma ta’ tmint elef, mija w ghoxrin Ewro (€8120) favur il-Gvern ta’ Malta. Ghaldaqstant ordnat illi multa inflitta fuq l-appellat ghandha titnaqqas direttament mir-rimanenti ammont ta’ €10,000 li jinsabu depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti u l-bilanc rimanenti ta’ hamest elef, erba’ mija w sebghin Ewro (€5470) ghandu jigi rilaxxjat favur l-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Awwissu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati ta' din l-imputazzjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Ghal dini ta' kjarenza se jigi trattat b'mod ewlieni l-aggravju dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotezi tal-ligi segwiet sistematikament b'dak dwar l-apprezzament inkomplet u manifestament zbaljat tal-provi.

Bhala introduzzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti jixtieq jaghmel parentesi qasira u jissottolineja xi vinkoli generali. Kif ben qalet tajjeb l-Ewwel Qorti diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha “placement”, “layering” u “integration”.  Dawn l-istadji gew imfissra b'mod konciz mill-Qorti tal-Magistrati.  Pero` mill-bidunett ta' min jipprecisa, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni genrali tal-process tal-hasil tal-flus.  Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l-kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati.  Ghalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika.  Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tiessemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri.  Ghalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss bhala punto di partenza u bhala deskrizzjoni generali tal-process tal-“money laundering”

b’mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni f’kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta’ d-definizzjoni ta’ “money laundering” li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll ir-reati kkontemplati fl-artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal-Parlament Ingliz “proceeds of Crime Act 2002” fejn analizi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti “placement”, “layering” u “intergration” bil-propjeta`.

Ili minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju anke fejn jirrigwardja l-provi, l-esponenti jtenni li l-Qorti tal-Magistrati interpretat il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni b’mod irragonevoli kif ukoll kontradittorju u wara applikat din l-interpretazzjoni zbaljata u kontradittorja ghal kaz in ezami bil-konsegwneza li lliberat lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi dana huwa appell mill-Avukat Generali wara Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-hamsa (5) ta’ Awwissu ta’ l-2011 fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni relatata mal-hasil ta’ flus u sabet htija fl-appellat fit-tieni mputazzjoni rigwrdanti nuqqas ta’ dikjarazzjoni ta’ flus illi kienu se jigu esportati minn Malta. L-Avukat Generali sostna illi l-Qorti tal-Magistrati nterpretat hazin il-fatti u applikat il-ligi hazina sabiex illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuza. U f’dan l-appell l-Avukat Generali talab illi ssir riforma ta’ dik is-Sentenza billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni mputazzjoni tirrevokha f’dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minfolk issib lill-appellat hati u tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-imputat Carlos Frias Mateo gie Malta minn Brussell fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru ta’ l-2009 b’biljett “one way” mixtri dak inhar stess minn Rotterdam. Ipprezenta ruhu fil-lukanda San Pawl ta’ Bugibba b’karta f’idu li turi li ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliz u ried kamra ghal lejl wiehed biss. L-ghada, l-appellat

xtara sim card u permezz taghha ircieva kif ukoll ghamel diversi telefonati lokali. Ftit tal-hin wara xtara biljett iehor sabiex minn Malta jerga lura Brussell liema titjira kellha titlaq dak inhar stess. L-appellat ipprezenta ruhu l-ajruport l-ghada izda qabel ma mbarka fuq l-ajruplan gie mistoqsi minn ufficjali tad-dwana jekk kienx qed igorr flus kontanti fuqu. Hu stqarr li kellu fuqu l-ammont ta' €6,110. Wara li saritlu tfittxija nstabu l-kumplament tal-flus fil-but kif ukoll fil-bagalja li kien qed igorr f'idu sabiex lahaq is-somma ta' €18,120. Peress illi dan l-ammont ta' flus kien jaqbez l-ammont ta' €10,000 illi peruna hija ntitolata illi tohrog mill-pajjiz, ukoll peress illi kien hemm suspett illi dawn il-flus setghu kienu direvanti minn attivita llegali, l-appellat gie mizmum l-ajruport sabiex il-pulizija taghmel l-investigazzjoni taghha. Peress illi fl-opinjoni tal-pulizija l-appellat ma tax spjegazzjoni plawsibbli tal-provenjenza tal-flus, tressaq il-Qorti akkuzat bir-reat tal-hasil tal-flus kif ukoll li naqas milli jiddikjara mal-hrug tieghu minn Malta ammont ta' flus illi jaccedi €10,000.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti fliet bir-reqqa s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li hija wahda studjata u fiha l-elementi kollha tar-reat ta' "money laundering" inkluzi l-gurisprudenza ricenti in materja. Hemm qbil f'hafna punti bejn l-argumenti tal-Qorti u dawk ta' l-Avukat Generai kif ukoll tad-difiza, izda l-Avukat Generali jidhirlu illi fuq il-provi illi kien hemm il-Qorti kellha tkun konvinta li l-appellat kellu x-xjenza u kien hemm in-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti u l-imputat u dana permezz tac-cirkostanzi kollha dwar dan il-kaz.

Hawnhekk qieghda d-divergenza principali. L-ewwel Qorti qalet fost affarijiet ohra illi l-imputat ma kellu l-ebda obbligu jaghti spjegazzjoni tal-provenjenza tal-flus fl-istadju ta' l-arrest tieghu "izda biss quddiem il-Qorti huwa kien obbligat jipprova l-provenjenza legittima tal-flus u dana biss wara li jigi stabbilit mill-prosekuzzjoni n-ness bejn l-attivita tat-traffikar u l-imputat . . ." Din id-dikjarazzjoni hija wahda korretta. Il-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tistabilixxi n-ness bejn l-attivita tat-

traffikar u l-appellat. Il-Qorti pero' donnha kienet qed tippretendi illi din il-prova tal-prosekuzzjoni kellha tkun sal-livell ta' minghar dubju dettat mir-raguni, haga li l-prosekuzzjoni qed tghid illi ma taghmilx sens ghax jekk il-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghar dubju dettat mir-raguni, allura ghalfejn timponi l-obbligu fuq l-appellat illi jispjega u jaghti gustifikazzjoni tal-provenjenza tal-flus? Jekk il-prosekuzzjoni tipprova sa dak il-livell, ir-reat huwa ppruvat u ma hemmx ghalfejn isir aktar, izda mhux dak kien l-iskop u l-ispirtu tal-Ligi.

Ikkunsidrat :

Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-onoru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-onoru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-akktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".

Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi Sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.

Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "Il-Pulizija vs Paul Borg" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money launering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta "minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-onoru tal-prova fuq l-akkuzat."

F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad

imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.

Forsi f’dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova “prima facie” u fiex din tikkonsisti.

Ikkunsidrat :

Hu ben saput illi  l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba’ tipi ta’ prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova “prima facie” hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta’ prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.
L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, “Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings.  It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer.”  Il-probabbli huwa l-livell uzat f’proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur “prima facie” huwa anqas minn hekk u jista’ jigi definit bhala “a case to answer”, haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.

Fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f’dan il-kaz, intlahaq dan il-livell ta’ “prima facie”?  Kien hemm “a case to answer”?

Ikkunsidrat :

Jidher li l-ewwel Qorti wiegbet ghal din id-domanda fl-affermattiv meta tghid “il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mill-prova cirkostanzjali mressqa minnha illi l-imputat huwa bniedem b’karattra refrettarju, b’fedina penali pjuttost voluminuza u li gie misjub hati ta’ traffikar tad-droga f’aktar minn pajjiz wiehed.  M’hemmx dubju ghalhekk illi l-imputat ilu zmien twil fic-cirku tat-traffikar tad-droga.  Illi mill-provi cirkostanzjali gie ppruvat ukoll illi gurnata qabel ma wasal Malta l-imputat, gew arrestati zewg persuni ta’ l-istess nazzjonalita ta’ l-imputat b’ammont ta’ kokaina fuqhom li wiehed minnhom

sussegwentement tressaq il-Qorti u ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih. Ma dawn in-nies jidher illi l-imputat l-unika haga li nstabet in komun bejniethom kienu tliet (3) numri tat-telephone, li wiehed minnhom huwa ta’ mart l-imputat stess. In oltre gie stabbilit illi l-imputat gie Malta ghal jum wiehed biss u nqabad imbaghad hiereg mill-pajjiz b’ammont sostanzjali ta’ flus fuqu li ma gewx iddikjarati minnu. Jidher ukoll illi fil-ftit sighat li ghamel Malta l-imputat kellu kuntatt ma xi persuna jew persuni lokalment tant illi xtara sim card lokali u ghamel xi telefonati u anke cempillu xi hadd fuq numru lokali.” (ara pagna 12 tas-Sentenza).

Biex ma nsemmu xejn dwar rizultanzi ohra illi l-appellat gie Malta jinnegozja d-deheb, ma jafx jitkellem bl-Ingliz, ma jifhimx fid-deheb, gideb dwar ix-xoghol tieghu kif ukoll minn fejn xtara l-biljett ta’ l-ajru. F’pagna 4 ta’ l-istess Sentenza l-Qorti tal-Magistrati telenka d-diversi drabi fejn l-appellat gideb jew gie maqbud f’gideb dwar ix-xoghol u l-movimenti tieghu qabel ma gie Malta. Fl-isfond ta’ dwn il-provi, l-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni wriet illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini tal-flus kif ukoll li l-flus li nstabu fil-pussess tieghu ma kienux konformi mal-istil ta’ hajja tieghu. Dan lahqitu fil-livell ta’ prova “prima facie” u b’hekk skatta l-inverzjoni tal-provi fuq l-appellat sabiex huwa juri lill-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi nstabu fuqu. L-appellat pero’ ghazel illi ma jixhidx u lanqas ma tressqu provi in difeza. Quindi l-onoru illi l-Ligi poggiet fuq spallejn l-appellat sabiex huwa jiggustifika dak il-pussess tal-flus ma giex sodisfatt u l-ewwel Qorti kellha ssib htija fil-konfront ta’ l-appellat dwar l-akkuzi ta’ money laundering a tenur tal-Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma u timmodifika s-Sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni b’varjazzjoni tal-piena fl-isfond tad-decide, tirrevokha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati ta’ dik l-imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 32A(2) tal-Kap 373 tikkundanna lill-appellat ghaz-zewg akkuzi ghall-perjodu

ta' prigunerija ghal zmien tliet (3) snin u multa ta' €20,000. Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes involuti f'dan il-kaz, kif ukoll il-propjeta mobbli u mmobbli ta' l-appellat kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------